(b) Jekk ir-risposta għad-domanda 7(a) hija fl-affermattiv, l-għażla ta' żona għoxrin darba jew mitt darba ikbar mis-sit sperimentali hija proporzjonata fid-dawl tal-protezzjoni tal-interessi privati (protezzjoni tal-impriżi, inkluż il-persuni u l-prodotti tagħhom) u tal-interessi pubbliċi (il-prevenzjoni tas-sabotaġġ minħabba l-iżvilupp bijoteknoloġiku fl-Olanda)?

(1) Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2001/18/KE tat-12 ta' Marzu 2001 dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/220/KEE (ĠU L 106, p. 1).

(2) Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2003/4/KE tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/313/KEE (ĠU L 41, p. 26).

## Talba għal deċiżjoni preliminari magħmula mill-Verwaltungsgerichtshof (l-Awstria) fis-7 ta' Awwissu 2008 — Romana Slanina vs Unabhängiger Finanzsenat Außenstelle Wien

**(Kawża C-363/08)**

(2008/C 285/35)

*Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż*

### Qorti tar-rinviju

Verwaltungsgerichtshof.

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* Romana Slanina.

*Konvenut:* Unabhängiger Finanzsenat Außenstelle Wien

### Domandi preliminari

1) mir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71 tal-14 ta' Ġunju 1971, dwar l-applikazzjoni ta' l-iskemi tas-sigurtà soċjali għall-persuni impjegati u l-familja tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità (1) (iktar 'il quddiem ir-"Regolament") jirriżulta li l-mara ddivorzjata u mingħajr impjieg ta' raġel residenti fl-Awstrija, fejn jaħdem bħala impjegat, iżżom, fil-konfront tal-Awstrija, id-dritt tagħha li tirċevi l-allowances tal-familja (għal tifel), fil-każ fejn hija tistabbilixxi r-residenza tagħha fi Stat Membru iehor u fejn tittrasferixxi, lejn dan l-aħħar Stat, is-sede prinċipali tal-interessi tagħha, filwaqt li tibqa ma taħdimx?

2) sabiex tingħata risposta għall-ewwel domanda, hija rilevanti ċ-ċirkustanza li l-Awstrija, l-Istat fejn baqa' residenti u jaħdem ir-raġel iddivorzjat, tagħti lil dan ta' l-aħħar, taħt ċertu kundizzjonijiet, id-dritt li jirċevi allowances tal-familja (għat-tifel), ladarba d-dritt tal-mara ddivorzjata jkun iddekada?

3) mir-Regolament jirriżulta li l-mara ddivorzjata għandha d-dritt li tirċevi l-allowances tal-familja (għat-tifel) mingħand l-Awstrija, l-Istat ta' fejn ir-raġel iddivorzjat u missier tat-tifel jirrisjedi u jaħdem, fil-każ fejn iċ-ċirkustanzi esposti fl-ewwel domanda jinbidlu minħabba l-fatt li l-mara tkun bdiet taħdem fl-Istat Membru l-ġdid?

(1) ĠU L 149. p. 2.

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Verwaltungsgerichtshof (l-Awstrija) fl-11 ta' Awwissu 2008 — Agrana Zucker GmbH vs Bundesminister für Land- und Forstwirtschaft, Umwelt und Wasserwirtschaft

**(Kawża C-365/08)**

(2008/C 285/36)

*Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż*

### Qorti tar-rinviju

Verwaltungsgerichtshof (l-Awstrija).

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* Agrana Zucker GmbH.

*Konvenut:* Bundesminister für Land- und Forstwirtschaft, Umwelt und Wasserwirtschaft.

### Domandi preliminari

1) L-Artikolu 16 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 tal-20 ta' Frar 2006, dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor (1) għandu jiġi interpretat fis-sens li anke kwota taz-zokkor li ma tistax tintuża minħabba rtirar mis-suq, b'mod preventiv, skont l-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 290/2007 tas-16 ta' Marzu 2007, li jistabbilixxi għas-sena tas-suq 2007/2008, il-perċentwali (2) msemmija fl-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 318/2006, għandha tagħmel parti sħiħa mill-kalkolu tal-ammont tat-taxxa fuq il-produzzjoni?

2) F'każ ta' risposta pożittiva għall-ewwel domanda:

L-Artikolu 16 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 tal-20 ta' Frar 2006, dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor, huwa kompatibbli mad-dritt primarju u b'mod partikolaru mal-prinċipju ta' proporzjonalità u l-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni li jirriżultaw mill-Artikolu 34 KE?

---

(1) ĠU L 58, p. 1.
(2) ĠU L 78, p. 20.

---

## Rikors ippreżentat fit-12 ta' Awissu 2008 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja

## (Kawża C-369/08)

(2008/C 285/37)

*Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: E. Traversa u P. Dejmek, aġenti)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja

### Talbiet

— tikkonstata li l-punt 2.1 tal-Anness VIIIb tal-Kodiċi Ġermaniż tar-reġistrazzjoni bil-għan ta' ċirkolazzjoni fit-triq (Strassenverkehrszulassungsordnung), jikser l-Artikolu 43 KE flimkien mal-Artikolu 48 KE, u

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Skont l-Artikolu 43(1) KE, ir-restrizzjonijiet fuq il-libertà tal-istabbiliment taċ-ċittadini ta' Stat Membru fit-territorju ta' Stat Membru ieħor huma pprojbiti. Mill-Artikolu 48 KE jirriżulta li l-kumpanniji mwaqqfin b'mod konformi mal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru u li għandhom l-uffiċċju rreġistrat, l-amministrazzjoni ċentrali jew il-bini prinċipali tagħhom fi ħdan il-Komunità, għandhom jiġu assimilati għall-persuni fiżiċi li huma ċittadini tal-Istati Membri l-oħrajn għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-regoli tat-Trattat f'dak li jirrigwarda d-dritt ta' stabbiliment. Skont il-Kummissjoni, id-dispożizzjonijiet dwar it-trattament ugwali jipprojbixxu mhux biss id-diskriminazzjonijiet manifesti fuq il-bażi tan-nazzjonalità jew, fil-każ tal-kumpanniji, fuq il-bażi tal-Istat tas-sede tal-kumpannija, iżda wkoll il-forom moħbijin kollha ta' diskriminazzjoni li jwasslu għall-istess riżultat bl-applikazzjoni ta' kriterji distintivi oħrajn.

Skont il-punt 2.1 tal-Anness VIIIb tal-Kodiċi Ġermaniż tar-reġistrazzjoni bil-għan ta' ċirkolazzjoni fit-triq (Strassenverkehrszulassungsordnung), korp ta' kontroll jista' jiġi awtorizzat iwettaq kontrolli tekniċi jew kontrolli ta' sigurtà u jirċievi vetturi bil-mutur biss fil-każ li huwa magħmul minn mill-inqas 60 espert fil-vetturi bil-mutur, li huma indipendenti u li jeżerċitaw din l-attività b'mod prinċipali, bil-premessa li n-numru ta' inġiniera ta' kontroll ta' dan il-korp li għandhom is-sede tagħhom f'din iż-żona ta' awtorizzazzjoni għandu jkun ta' mill-inqas wieħed u ta' mhux iktar minn 30 għal kull 100 000 vettura bil-mutur u trejler awtorizzati.

Skont il-Kummissjoni, din il-kundizzjoni tikkostitwixxi restrizzjoni illegali fuq il-libertà tal-istabbiliment, li hija inkompatibbli mal-Artikolu 43 KE, jekk ikun il-każ flimkien mal-Artikolu 48 KE. Il-kundizzjoni li l-korp għandu jkun magħmul esklużivament minn numru minimu ta' esperti indipendenti li jeżerċitaw l-attività tagħhom b'mod prinċipali tikkostitwixxi restrizzjoni kwalitattiva għaliex l-impriżi li jixtiequ jeżerċitaw l-attività in kwistjoni għandhom l-obbligu li jkollhom struttura speċifika. Din il-kundizzjoni timplika b'mod partikolari l-esklużjoni ta' esperti impjegati li ma jistgħux jagħmlu parti minn tali korp. Barra minn hekk, id-dispożizzjoni kkontestata tikkostitwixxi wkoll restrizzjoni kwantittativa għaliex hija tipprovdi għal numru minimu ta' membri għal dan il-korp ta' kontroll. Din il-kundizzjoni ta' awtorizzazzjoni tipprekludi lill-operaturi kollha li huma stabbiliti b'mod legali fi Stat Membru ieħor, li għandhom status ġuridiku ieħor jew stuttura interna oħra, milli joffru servizzi ta' kontroll tekniku fil-Ġermanja. Fl-aħħar nett, il-kundizzjoni li n-numru minimu ta' inġiniera ta' kontroll li għandhom is-sede tagħhom fiż-żona ta' awtorizzazzjoni għandu jkun ta' wieħed għal kull 100 000 vettura bil-mutur jew trejler awtorizzati, tikkostitwixxi restrizzjoni li tikser l-Artikolu 43 KE (flimkien mal-Artikolu 48 KE) sa fejn dan il-kriterju jqiegħed fi żvantaġġ fl-ewwel lok lill-persuni ġuridiċi li huma diġà stabbiliti fi Stat Membru ieħor u li l-inġiniera ta' kontroll tagħhom m'għandhomx neċessarjament is-sede tagħhom fiż-żona ta' awtorizzazzjoni.

F'dan il-każ, la l-Artikolu 45 KE u lanqas l-Artikolu 46 KE ma huma rilevanti.

Skont l-Artikolu 45 KE, huma esklużi mill-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-libertà tal-istabbiliment, f'dak li jikkonċerna l-Istat Membru interessat, l-attivitajiet li jagħmlu parti f'dan l-Istat, anki jekk b'mod okkażjonali, mill-eżerċizzju tal-awtorità pubblika. Il-kriterji tal-eżerċizzju dirett u speċifiku tal-awtorità pubblika fil-kuntest tal-attivitajiet tal-korpi ta' kontroll, b'mod partikolari t-twettiq ta' kontrolli tekniċi, li jirriżultaw mill-ġurisprudenza stabbilita mhumiex madankollu sodisfatti. La l-fatt li l-korpi ta' kontroll għandhom jiddeċiedu dwar l-għoti jew l-irtirar tal-pjanċi ta' kontroll, u lanqas is-sorveljanza ta' dawn il-korpi mill-Istat ma turi li huma jwettqu missjonijiet ta' setgħa pubblika. Fl-ewwel lok, id-deċiżjoni finali ta' ċaħda tal-pjanċi ta' kontroll tista' tittieħed biss mill-awtorità kompetenti (jiġifieri l-awtoritajiet ta' reġistrazzjoni) ta' kull Land u mhux mill-korp ta' kontroll. Dawn tal-aħħar għandhom pjuttost rwol awżiljarju u preparatorju fir-rigward tal-awtoritajiet ta' reġistrazzjoni. Fit-tieni lok, ma jistax jiġi dedott mill-fatt li l-Istat jeżerċita sorveljanza fuq ċerti korpi li l-attivitajiet kollha eżerċitati minn dawn tal-aħħar huma marbuta mal-eżerċizzju tal-awtorità pubblika. Anki fil-każ li jkun hemm lok li jitqies li ċerti attivitajiet tal-korp ta' kontroll jikkostitwixxu eżerċizzju tal-awtorità pubblika, l-esklużjoni tal-kontrolli tekniċi ta' vetturi mill-portata ta'